**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 77/2019**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Joseph Farrugia**

Illum is-26 ta' Frar 2021.

Il-Qorti;

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Joseph Farrugia, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 204466M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar is-26 ta' Ottubru, 2015, u fil-ġranet ta' qabel ġewwa *ż-Żurrieq l/o* Tal-Wardija;

a. Bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita' jedd li jippretendi li għandu ġiegħel, bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jeżegwixxi obbligazzjoni, tkun xi tkun, jew fixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew ħalla bini, jew kisser il-mixi tal-ilma jew ħa ilma għalih, b'xi mod ieħor kontra l-liġi ndaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor billi qala' l-art tal-konkos tal-passaġġ li minnha Paul u Veronica Zammit jgħaddu għall-għelieqi tagħhom;

b. Talli wkoll naqas li jħares ordni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali datata 29 ta' Settembru, 2015, u dan meta naqas jirripristina l-passaġġ *de quo* fl-istat li kien fih qabel, u dan bi ksur tal-Artikolu 377(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

c. Talli wkoll bl-istess aġir tiegħu ġie li lleda d-drittijiet ta' Paul u Veronica Zammit, u dan meta għamel vjolazzjoni fil-proprjetà tal-istess Paul u Veronica Zammit;

d. Talli wkoll sar reċidiv wara sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali datata 29 ta' Settembru, 2015;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-19 ta' Frar, 2019, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 85, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Joseph Farrugia ħati tal-ewwel u r-raba' akkuża, u kkundannatu multa ta' ħames mitt ewro, filwaqt li lliberatu mit-tieni u t-tielet akkuża fuq nuqqas ta' provi.

Il-Qorti ordnat lill-imputat Joseph Farrugia sabiex fi żmien xahar jirripristina l-istat tal-passaġġ skond is-sentenza ta' din il-Qorti hawn fuq ċitata u fin-nuqqas japplikaw il-provvedimenti tal-Artikolu 377(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Farrugia, ppreżentat fis-7 ta' Marzu, 2019, fejn waqt li jagħmel referenza għall-atti kollha ta' dan il-proċess u jirriżerva li jġib kull prova permessa skond il-liġi f'dan l-istadju, jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti, fejn l-appellant ġie lliberat mit-tieni u t-tielet akkuża, tbiddel is-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti għal dik li hija sejbien ta' ħtija fir-rigward tal-ewwel u r-raba' akkuża, kif ukoll il-kundanna li jħallas multa ta' ħames mitt ewro u tiddikjara lill-appellant mhux ħati tal-akkużi addebitati lilu. Subordinatament u bla preġudizzju għas-suespost, l-appellant jitlob li l-istess sentenza tiġi riformata kwantu għall-piena, u dana billi tagħti piena iktar xierqa u ekwa skond iċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat l-aggravji imqanqla mill-appellant Joseph Farrugia.

Semgħet ix-xhieda ta' Marthese Debono.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esibita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi in suċċint l-appellant iressaq essenzjalment żewġ aggravji fl-appell minnu ntentat, wieħed marbut mal-mertu u l-ieħor mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti u dan b'mod speċifiku fejn l-Ewwel Qorti applikat il-provvedimenti tal-artikolu 377(3) tal-Kodiċi Kriminali fil-konfront tiegħu billi jisħaq illi huwa jinsab fil-impossibilità li jirripristina l-passaġġ kif kien u ċioe' bil-konkos billi hemm Avviż tal-Infurzar maħruġ mill-Awtorità ta'l-Ippjanar li qed iżommu milli jagħmel dan.

Illi l-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti tal-kawża u issa fi stadju ta' reviżjoni anke semgħet ix-xiehda ta' rappreżentant ta'l-Awtorità ta'l-Ippjanar u dan sabiex jiġu ndirizzati l-aggravji ntentati mill-appellant. Illi fil-fatt jirriżulta illi l-fattsipeċje ta' dan il-każ kienu diġà is-suġġett ta' proċeduri penali fejn l-appellant similment bħal fil-każ odjern kien ġie akkużat bir-reat ta' *raggion fattasi* u b'sentenza tad-29 ta' Settembru 2015 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kien ġie misjub ħati li bena ċint f'passaġġ komuni ġewwa għalqa fiż-Żurrieq limiti tal-Wardija. L-appellant gie ordnat illi fit-termini ta'l-artikolu 377(3) tal-Kodiċi Kriminali jirrispristina l-passaġġ għall-istat oriġinali tiegħu u ċioe billi jneħħi ċ-ċint li hu kien bena sabiex dan il-passaġġ jerġa' jkun aċċessibbli, kif kien qabel Madankollu ġara illi fl-4 ta' Novembru 2015, l-appellant qala' l-art tal-konkos ta' dan il-passaġġ komuni biex għall-parti leża, Paul u Veronica Zammit, l-użu tiegħu ġie reż impossibbli u b'hekk ġew mcaħħda mit-tgawdija ta'l-istess. Jirrizulta illi qabel ma tneħħiet l-art tal-konkos li kien hemm fil-passaġġ, l-appellant kien avviċina lil parti leża fejn talabhom il-permess sabiex iħalli ċ-ċint mertu tal-ewwel proċeduri, iżda dawn oġġezzjonaw u insistew miegħu li jottempera ruħu mal-ordni tal-Qorti. Hawnhekk l-appellant irrimarka illi l-konkos kien tqiegħed fil-passaġġ

illegalment u pproċeda biex ineħħi ċ-ċint kif ukoll il-konkos mill-passaġġ. B'konsegwenza ta' din l-azzjoni inbdew il-proċeduri odjerni.

Ikkunsidrat:

L-appellant ġie misjub ħati mill-Ewwel Qorti tar-reat imfassal fl-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali, reat ta' ordni pubbliku li allura jżomm lil privat milli jieħu l-liġi b'idejh. Issa huwa fatt inkontestat illi l-parti leża għandhom l-użu u tgawdija tal-passaġġ mertu ta' dawn il-proċeduri, tant illi l-appellant diġà ġie misjub ħati b'sentenza oħra tal-Qorti illi huwa fixkel lil Zammit mill-użu ta'l-istess.

Ir-reat jissusisti meta persuna jkollha d-dritt li tgawdi jew tuża l-ħaġa jew il-propjetà u li hi ma tkunx tista' tkompli b'dan l-użu jew tgawdija minħabba l-azzjoni unilaterali ta' l-awtur tar-reat

> **L-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali li jittratta dwar ir-ragion fattasi, bl-ewwel rekwiżit tiegħu, kjarament iqis bħal aġir kriminali kull att ta' xi ħadd li jfixkel lil xi ħaddieħor fil-pussess ta' xi haġa li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, għalhekk, jittutela l-pussess tal-haġa u mhux neċessarjament ukoll il-propjetà tagħha. Il-kelma pussess, għalhekk, tinkludi l-użu jew tgawdija ta' dik il-haġa.[1],**

Dan ghaliex:

> **....'id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' raggion fattasi hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tiegħu għal dak tat-tribunal meta jista' jirrikorri lejhom. Hi ġusta jew le l-pretensjoni tiegħu, hu ma jistax minn rajh jeżerċita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li għandu'[2].**

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellant qiegħed jikkontendi illi huwa jinsab fil-impossibilità li jirripristina l-passaġġ kif kien qabel u dan billi l-konkos miftuħ fuq il-wiċċ tiegħu sar illegalment tant hu hekk illi hemm Avviż tal-Infurzar maħruġ mill-Awtorità ta'l-Ippjanar kontra tiegħu fis-sena 2012 u allura meta huwa neħħa l-konkos minn fuq il-passaġġ dan sar minnu in ottemperanza mal-ordni

[11] Il-Pulizija vs Joseph Bongailas Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u datata 22.10.2001.

[2] Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs John Dimech.

mogħtija lilu mill-Awtorità imsemmija. Dan ifisser illi wieħed mill-elementi sabiex jissussisti ir-reat taħt l-artikolu 85 huwa nieqes billi ix-xogħolijiet fuq il-passaġġ saru minnu mhux bħala pretensjoni ta' dritt u allura bl-intenzjoni li jostakola l-użu u t-tgawdija tal-passaġġ komuni lil min kien jużah, iżda għaliex kien imġiegħel jagħmel hekk in forza ta'l-Avviż tal-Infurzar maħruġ kontra tiegħu.

Illi din il-linja difenzjonali li jipprova iqajjem l-appellant madankollu tisfuma fix-xejn u dan bix-xhieda ta' Marthese Debono, rappreżentant ta'l-Awtorità ta'l-Ippjanar li xehdet issa fi stadju ta' reviżjoni fuq talba tiegħu stess. Huwa evidenti mid-depożizzjoni ta' din ix-xhud illi l-Avviż tal-Infurzar bl-ebda mod ma għandu x'jaqsam mal-passaġġ mertu ta' dawn il-proċeduri u dan kif jidher mid-dokumenti u ritratti esibiti mix-xhud, tant hu hekk illi Debono tisħaq fix-xiehda tagħha illi l-appellant għadu ma ottemperax ruħu mal-ordni tal-Awtorità sabiex ineħħi l-illegalitajiet tant illi issa ser jieħdu azzjoni jew 'l hekk imsejha *direct action* peress illi sa' llum il-ġurnata għadu kollox kif kien. Konsegwentement din l-ordni ma tkoprix il-passaġġ mertu ta' dan il-każ u l-appellant qed jinqeda b'din l-iskuża biex ikompli iżomm lil parti leża milli tuża il-passaġġ mertu ta' dawn il-proċeduri.

*In oltre* jidher illi l-mertu tal-proċeduri deċiżi bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tad-29 ta' Settembru 2015 kien jikkonċerna biss iċ-ċint li l-appellant kien għamel sabiex jostakola l-passaġġ, liema proċeduri ma kinux jikkonċernaw il-konkos fil-passaġġ liema konkos kien għadu ma nqalax mill-appellant. Dan iżda għamlu meta kien qed isegwi l-ordni maħruġa ai termini ta'l-artikolu 377(3) tal-Kodiċi Kriminali f'dik is-sentenza meta pproċeda biex ineħħi iċ-ċint, iżda neħħa ukoll il-konkos sabiex, kif ingħad, l-parti leża xortawaħda ġew imcaħħda mit-tgawdija tiegħu.

Illi esposti dawn il-fatti probatorji, il-Qorti għalhekk ma tista' issib ebda motiv li jista' igiegħlha titbiegħed mill-fehma milħuqa mill-Ewwel Qorti sabiex b'hekk l-aggravji imqanqla mill-appellant qed jiġu miċħuda.

Illi jifdal biss l-aħħar gravam sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti billi fil-fehma tal-appellant din timmerita reviżjoni. Madankollu din il-Qorti tiddikjara mingħajr tlaqliq illi din it-talba ma jistħoqqilhiex akkoljiment u dan għaliex il-piena mposta hija waħda fil-parametri tal-liġi kif ukoll idoneja għaċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ. Mhux biss iżda l-Ewwel Qorti fid-diskrezzjoni mogħtija lilha bil-liġi saħansitra għażlet li ma żżidx il-piena bi grad jew tnejn fid-dawl tal-fatt illi l-appellant ġie misjub ħati li kien reċidiv.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma is-sentenza appellata fl-intier tagħha, bit-terminu ta' xahar indikat mill-Ewwel Qorti fit-termini tal-artikolu 377(3) tal-Kodiċi Kriminali għandu jibda jiddekorri mil-lum.

**Edwina Grima**

**Imħallef**